MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Numru 935/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Gatt**
**Spettur Carmelo Magri**
**V**

**MIKIEL ANGELO MAMO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MIKIEL ANGELO MAMO** ta' wiehed u tletin sena bin Emanuel u Lois Ann nee Robicheau, imwieled l-Isla nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1972 u residenti 25, Triq s-Suq, Floriana, detentur tal-karta tal-identita numru 183772M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fil-hdax ta' Novembru 2003 ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' filghodu fix-Xatt Marina, Pieta ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Super Teck mill-

vettura tat-tip Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni IAU 948, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Carmel Mallia minn Tal Pieta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmi Carmel Mallia, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Roadstar, flus kontanti w oggetti ohra mill-vettura tal-ghamla Maruti Omni bin-numru ta' registrazzjoni JAF 253 ghad-dannu ta' David Brincat mill-Pieta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmi David Brincat, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' amplifier tal-marka 'Marquant', w oggetti ohra mill-vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni EAB 789 ghad-dannu ta' Martin Vella mill-Pieta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmi Martin Vella, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' kwantita ta' compact discs mill-vettura tal-ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni VIN 473 ghad-dannu ta' Vincent Camilleri mill-Pieta liema serq

huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmi Vincent Camilleri, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

9. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-vettura tal-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni PCA 414 ghad-dannu ta' Carmelo Attard mill-Pieta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

10. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmi Carmelo Attard, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

11. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni KAF 834 ghad-dannu ta' Abdurazagh Ismail Zmirli mill-Pieta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

12. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmi Abdurazagh Ismail Zmirli, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

13. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-vettura tal-ghamla Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni CAC163, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Anthony Saliba minn Tal Pieta;

14. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmi Anthony Saliba, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;
15. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni IBE 217, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Rosaria Farrugia minn Tal Pieta;

16. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmija Rosaria Farrugia, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

17. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni BAT 132, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Mary Terese Caffari minn Rahal Gdid;

18. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmija Marie Terese Caffari, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

19. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni AKC 696, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi

haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Anthony Camilleri minn Tal Pieta;

20. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmi Anthony Camilleri, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

21. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni LCE 223, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Anna Galea mill-Belt Valletta u Christine Bundy minn Tal Pieta;

22. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmija Anna Galea mill-Belt Valletta u Christine Bundy minn Tal Pieta, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

23. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-vettura tal-ghamla Volvo bin-numru ta' registrazzjoni BBD 702, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Erika Portanier minn Tas Sliema;

24. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu tal-imsemmija Erika Portanier, liema hsara

tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

25. Talli fil-hdax ta' Novembru 2003, ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' filghodu, dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-yacht bl-isem "Joanieflo" li kien irmiggjat max-Xatt tal-Marina, Pieta, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Robert Eric Marriott minn Tas Sliema;

26. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija yacht ghad-dannu tal-imsemmi Robert Eric Marriott, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

27. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-yacht bl-isem "Crofter", wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Brian Darmanin minn San Giljan;

28. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija yacht ghad-dannu tal-imsemmi Robert Eric Marriott, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin liri maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin;

29. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq mill-luzzu bl-isem "Ben", wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku dan s-serq sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u bil-hin ghad-dannu ta' Joseph Gauci minn San Giljan;

30. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmi luzzu ghad-dannu tal-imsemmi Joseph Gauci, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin;

31. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

32. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat ta' serq aggravat waqt l-perjodu operattiv ta' sentenza ta' tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin datat tnax ta' Marzu 2003 imposta fuqu mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima;

33. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza ohra datata wiehed u tletin ta' Lulju 2002 moghtija mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi;

34. Talli, sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta' Marzu 2002 a fol 308 et seq tal-atti.

Rat il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro nhar t-tnejn ta' Dicembru 2003 [fol 86],

Rat wkoll s-sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2002 esibita a fol 135 tal-atti odjerni markata bhala dokument "X",

sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima nhar t-tnax ta' Marzu 2003 esibita a fol 137 markata bhala dokument "Y", u sentenza ohra moghtija nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2002 kollha fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet lil imputat jitlob lil Qorti tghaddi ghas-sentenza fis-seduta tas-sitta ta' Mejju 2005 [fol 312] u lil Avukat Difensur tieghu Dottor Mark Busuttil jirrileva li l-imputat kien qed jaghmel din t-talba fuq l-inizzjattiva tieghu personali u kontra l-parir tal-Avukat Difensur tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi nhar **s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2003 xehed l-Ispettur Stephen Gatt** [fol 33] fejn qal li nhar l-hdax ta' Novembru 2003, ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu l-Pulizija tal-Imsida kienu gew nfurmati minn certu David Brincat li joqghod Triq ix-Xatt, Pieta li ftit tal-hin qabel meta kien qieghed rieqed, semgha xi hsejjes gejjin mill-vann tieghu li kien pparkjat taht l-flat tieghu u meta ttawwal ra persuna fil-vann tieghu li kien tal-ghamla Maruti Omni u meta nizel isfel sab lil imputat fil-vann. Ix-xhud kompla jghid li David Brincat kien qallu li f'wiehed mill-basktijiet li kellu l-imputat kien hemm xi oggetti ta' merkanzija li David Brincat kellu fil-vann tieghu li f'dak l-hin waqghu mill-vann. Mid-dehra l-imputat u David Brincat gew fl-idejn, u l-imputat, li gharaf presenti fl-awla telaq jigri fid-direzzjoni ta' Tal Pieta. Wara li l-imputat harab, David Brincat sab zewg basktijiet hdejn il-vann li x-xhud esibixxa u gew mmarkati bhala dokument SG 1 u SG 2.

Ix-xhud zied jghid li f'wiehed minn dawn l-basktijiet irrizulta li kien hemm xi oggetti li kienu gew misruqa minn karozzi li kienu pparkjati fl-istess triq u fil-basket l-iehor kien hemm kaxxa vojta ta' apparat telefoniku li kien wkoll gie misruq minn vettura ohra. Qal li f'basket minnhom kien hemm channel amplifier tal-marka Maruti kulur griz, VHF tal-ghamla Maikon, hmistax il-CD, video cassette supertech, u kaxxa vojta tal-apparat tat-telefon, liema

telefona ma nstabx. Dawn l-oggetti gew identifikati mis-sidien tal-karozzi misruqa.

Irrizulta wkoll li diversi karozzi li kienu gew misruqa w imkissra b'demm, u meta l-Pulizija tal-Mobile iccekkjaw mal-isptar sabu li l-imputat kien qieghed hemmhekk jiddewwa. Ghalhekk huwa gie mehud lura l-Ghassa tal-Imsida w arrestat u saret inkjesta.

Ix-xhud qal li kien hemm bejn wiehed w iehor xi hdax il-karozza li kienu pparkjati fl-istess triq li kienu l-mira tal-imputat. Barra minn hekk, zied jghix x-xhud, kien hemm xi tlett dghajjes li wkoll kienu gew sgassati u misruqa minn xi affarijiet. Wahda minn dawn d-dghajjes maghrufa bl-isem "Ben" proprjeta ta' Joseph Gauci kellha wahda mit-twieqi miksura u fiha kien hemm hafna demm peress li l-imputat kien qata subajh meta kisser l-istess tieqa biex dahal fiha u wara mar ghad-dghajjes l-ohra. Dghajsa ohra minn dawn kienet ta' certu Brian Darmanin li wkoll sab il-hatch mkissra pero minnha ma kellu nieqes xejn filwaqt li d-dghajsa l-ohra li kien jisimha "Gianchiello" kienet ta' Eric Mariott, din kellha l-hatch miksura, pero l-ammont tal-hsara kien ta' xi tlett liri u minnha wkoll ma kien hemm xejn nieqes.

Ix-xhud zied jghid li l-imputat, waqt li kien l-Ghassa, kellu komportament xejn nornali ghaliex intefa' mal-ar bil-qeghda fir-rokna taparsi jibki u jeqred u jaghti bir-ras 'l quddiem u lura u waqt l-inkjesta, peress li kien hemm Doctor Mario Scerri kien fuq il-post, dan issuggerixxa li kien ikun ahjar ghal imputat li jmur l-isptar Monte Carmeli sabiex jigi nvistat hemmhekk. Infatti l-imputat gie mehud hemmhekk u dan kien qal mill-bidu nett li hu ma jiftakar xejn ghaliex kien ha xi pilloli u kien xorob. Qabel ma ttiehed l-isptar Monte Carmeli, fil-bwiet tal-qalziet tal-imputat u tal-qmis, kellu xi flus f'muniti zghar, xi hamsin centezmu, mija u sittin munit tac-centezmu, munita ta' lira, hamsa w sebghin munita taz-zewg centezmi, tmintax il-munita tal-hamsa w ghoxrin centezmu, wiehed u sittin munita ta' ghaxar centezmi u sebgha w tletin munita tal-hamsa centezmi, liema flus kienu fi bwiet differenti u cioe f'but kellu l-muniti taz-zewg centezmi, f'but iehor tal-

hamsa w ghoxrin centezmu, f'but iehor tal-ghaxar centezmi u f'but iehor tac-centezmu. Meta l-imputat kien mistoqsi kif kienu gew fuqu dawk l-flus dan kien wiegeb li kien sarraf il-paga u kien ser jitfaghhom fil-karus.

Ix-xhud kompla jghid li meta tkellem ma David Brincat, dan kien qallu li hu bejjieh fuq il-Monti u fil-fatt l-oggetti ta' toiletries li kienu waqghu mill-vann u li fl-istess vann kellu xi kaxxa tal-hadid li kien fiha xi flus li kien ghadu kif sarraf. Qal li kellu madwar tletin lira hemmhekk. Qal li meta tkellem ma wiehed mill-vittmi, certu Attard li kellu wkoll l-karozza tieghu, allegatament attakkata mill-imputat, dan qal li kellu munita wahda li kienet x'imkien hdejn d-dashboard u kien sabha nieqsa. Qal li minn karozza ohra kien hemm nieqes xi ftit centezmi. Qal li hu kien tkellem wkoll ma Doctor Mangion, t-tabib kuranti tieghu li nfurmah li l-imputat kien bniedem manipulativ hafna bhal speci tah x'jifhem li mhux kull darba li jibki ikun verament qed jibki izda jkun qed jaghmel teatrini wkoll. Qal li ftit tal-granet wara l-imputat gie ccertifikat li jista johrog u fil-fatt hadu d-depot fejn ittehidlu statement li gie esibit bhala dokument [SG 3 fol 38] fejn l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu. Ix-xhud esibixxa wkoll r-rapport tal-Pulizija li gie mmarkat bhala dokument SG 4 [fol 41] u rapport iehor li gie mmarkat bhala dokument SG 5 [fol 49]. Qal li kien hemm tracci ta' demm kemm fuq d-dghajes kif wkoll fuq il-karozzi. Ix-xhud esibixxa stima tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAF 834 li giet mmarkata bhala dokument SG 6 [fol 53], stima ta' karozza ta' Carmelo Attard li giet mmarkata bhala dokument SG 7 [fol 54A].

Illi nhar **s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2003 xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 55] fejn qal li nhar l-hdax ta' Novembru 2003 hu kien duty officer s-CID u bhala tali gie nfurmat li l-Pulizija tal-Mobile kienu qabdu xi persuna bl-isem ta' Mikiel Angelo Mamo li kien ghamel diversi serqiet minn diversi vetturi li kienu pparkjati wahda wara l-ohra fi Triq x-Xatt, Pieta. Hu kien gie mgharraf wkoll li setgha kien hemm xi dghajes involuti f'dan l-incident wkoll u li l-imputat setgha wkoll qata idejh waqt dawn r-reati peress li fuq l-lok instabu xi tracci ta' demm. Ix-xhud kien gie nfurmat wkoll li l-imputat kien inqabad minn certu David

Brincat wara li kien sab il-vann tieghu sgassat hdejn r-residenza tieghu.  Qal li hu kien ta struzzjonijiet biex l-imputat jigi arrestat u jittiehed l-Ghassa tal-Imsida fejn kellu jigi nvestigat dwar dawn l-incidenti.  Qal li David Brincat kien l-ewwel kwerelant li nforma lil Pulizija bir-reat u kien ta deskrizzjoni tal-imputat u l-Pulizija tal-Mobile kienu mxew fuq tali deskrizzjoni fit-tfittxija taghhom u fil-fatt kienu sabu lil imputat fl-isptar San Luqa fejn gie arrestat.

Ix-xhud zied jghid li hu kien gie mgharraf mill-Ispettur Stephen Gatt tal-Ghassa tal-Imsida li l-imputat ma kienx qed jikkopera maghhom u peress li kienu nstabu diversi tracci ta' demm mal-karozzi, fit-triq, fuq d-dghajjes u fuq il-vettura ta' David Brincat, talbu lil Magistrat Inkwerenti sabiex jordna li jittiehed kampjun tad-demm tal-imputat u meta Doctor Mario Scerri ipprova johodlu d-demm inqala li nqala u ta x'wiehed jifhem li l-imputat ma kienx mentalment stabbli.  Zied jghid li wara li Doctor Mario Scerri ha kampjun tad-demm tal-imputat, dan ittiehed l-isptar Monte Carmeli fejn inzamm ghal xi jumejn jew tlieta taht l-kura ta' Doctor Mangion.  Ix-xhud kompla jghid li meta tkellem ma Doctor Mangion dan kien qallu li l-imputat huwa bniedem li jimmanipula n-nies u jaghti l-impressjoni li kien mugugh meta fil-fatt ma jkunx jew li jkun imdejjaq meta fil-fatt ma jkunx u li jilghab bis-sentimenti tan-nies.  Qal li hu kien baqa ma Doctor Mangion li kif appena l-imputat ikun fi stat mentali li jista jirrilaxxja stqarrija, kellu jinfurmah b'dan sabiex ikun jista jkompli bl-investigazzjoni tieghu f'dan il-kaz.  Qal li fil-fatt dan sar w ingabar mill-Ispettur Stephen Gatt w ittiehed l-lock up.  Qal li meta gie mitkellem u gie moghti s-solita twissija, l-imputat beda jghid li ma kien qed jiftakar xejn.  Qal li l-imputat beda jghid li hu kull ma ghamel kien li xorob u ha xi medicini u cahad li dak x-xoghol kien ghamlu hu.

Qal li l-imputat tahom x'jifhmu li hu m'ghadux jisraq billi kien sab xi xoghol fil-gebel fin-Naxxar.   Kompla jghid li meta l-imputat kien ser jigi mressaq il-Qorti hu kien qalilhom <u>biex ma jghafsuhx ghaliex hu dak li ghamel kien kollu dovut ghal influwenza tal-medicini u pilloli</u> u xorb

fuqhom u li ma kellu ebda intenzjoni li jaghmel dak li ghamel.
Ix-xhud ikkonferma il-firma tieghu, tal-Ispettur Stephen Gatt kif wkoll tal-imputat fuq l-istqarrija markata bhala dokument SG 3 [fol 38].

Illi nhar **s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2003 xehed Brian Farrugia** ghad-direttur tal-ufficju tal-licenzji [fol 59] fejn qal li minn ricerka li hu ghamel dwar vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni IAU 948, fis-sens fuq minn kienet registrata l-imsemmija vettura fil-hdax ta' Novembru 2003, w irrizultalu li din tghajjat lil Carmel Mallia on behalf tal-Malta Development Corporation, 131, Flat 5, Triq Marina, Pieta. Minn ricerka li hu ghamel fuq vettura tal-ghamla Maruti Omni bin-numru ta' registrazzjoni JAF 253, irrizultalu li fil-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem David Brincat li joaghod 183, Flat 5, Triq Marina, Pieta. Minn ricerka li hu ghamel fuq vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni EAB 789 irrizultalu li nhar l-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem Martin Vella li joqghod 141, Flat 7, Triq ix-Xatt, Pieta. Minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni VIN 473, irrizultalu li din nhar l-hdax ta' Novembru 2003 kienet tghajjat lil Vincent Camilleri li joqghod 144, Flat 5, Palazzo Marina, Triq Marina, Pieta. Minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-marka Opel bin-numru ta' registrazzjoni PCA 414 fil-hdax ta' Novembru 2003, din kienet registrata f'isem Carmelo Attard li joqghod 138, Triq ix-Xatt, Pieta. Minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni KAF 834 irrizultalu li fil-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem Abdulzah Isamel Ismirli ta' Medabia Company Limited, Tal Karwija, Hal Luqa. Minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni CAC 163 irrizultalu li fil-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem Anthony Saliba ta' Flat 4, Alley 3, Triq Marina, Pieta. Minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni IBE 217 irrizultalu li fil-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem Rosaria Farrugia ta' Pieta Apartments, Block 3, Flat 7, Triq l-Marina, Pieta. Minn

ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni BAT 132 irrizultalu li fil-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem Maria Teresa Caffari ta' 155, Triq il-Marina, Pieta. Minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni AKC 696 irrizultalu li fil-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem Anthony Camilleri ta' 9/10, Triq l-Marina, Pieta. Minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni LCE 223 irrizultalu li fil-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem Anna Galea ta' 114, Triq Melita, Valletta. Minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Volvo bin-numru ta' registrazzjoni BBD 702 irrizultalu li fil-hdax ta' Novembru 2003 din kienet registrata f'isem Erica Portanier ta' 144/10, Triq l-Marina, Pieta.

Illi nhar **s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2003 xehed PS 16 Martin Cordina** [fol 62] fejn qal li nhar il-hdax ta' Novembru 2003, ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu kien mar jaghmel rapport certu David Brincat fl-Ghassa tal-Pulizija Tas Sliema. Qal li dan kien qallu li kien ghadu kemm issara ma persuna li kienet qed tipprova tisraqlu minn gol-vann tieghu. Ix-xhud qal li ghalhekk mar minnufih fuq il-post indikat u sab l-vann bin-numru ta' registrazzjoni JAF 253 li kien sgassat. Qal li kien hemm diversi cleaning materials mxerrdin fuq gewwa u dan peress li sid il-vann kien bejjieh fuq il-Monti. Qal li kien hemm wkoll xi ticpis ta' demm fil-vann b'mod partikolari fi flokk li kien fil-vann stess. Ix-xhud kompla jghid li David Brincat kien qallu li waqt li kien rieqed d-dar tieghu, ghal habta tal-hamsa neqsin ghaxra ta' filghodu sema' xi hsejjes u hareg fil-gallarija u ghal ewwel haseb li l-persuna li kienet fil-vann tieghu kienet ta' nazzjonalita Gharbija u ghalhekk nizel minnifih u kif mar hdejn il-vann tieghu, il-persuna li kienet fih qaltlu "*Hallini ghax jien ghandi d-dejn mal-Bona*" u gew fl-idejn. Qal li meta hu kien fuq il-post, mal-entratura tal-blokk numru 183, fi Triq ix-Xatt, kien hemm basket iswed b'diversi oggetti fosthom radio cassettes, supertech, cd's general emplifiers u VHF radio tal-ghamla Icon.

Meta x-xhud gie muri l-basket u l-kontenut tieghu esibit il-Qorti huwa kkonferma li kien l-istess wiehed w oggetti li kien ra dakinhar vicin il-fond fuq imsemmi.  Kompla jghid li wara kien gie nfurmat wkoll li kien hemm vettura li kellha l-quarter window miksura xi tlett mitt metru boghod u sakemm mar hdejha nduna li l-karozzi kollha li kien hemm fit-triq kellhom il-quarter window miksura.  Qal li t-tieni vettura minn naha ta' Brincat Autodealer, kellha wkoll ticpis ta' demm li wasal anke sal-art u ghalhekk talab l-assistenza tal-Pulizija tal-Mobile u peress li kien ghaddielu minn mohhu li kien hemm xi persuna feriet ruhha waqt dan r-reat, baghat lil Pulizija l-isptar San Luqa fejn hemmhekk instab l-imputat w infethet inkjesta.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Dicembru 2003 xehed PC 1547 John Debattista** [fol 66] fejn qal li nhar l-hdax ta' Novembru 2003 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu kienu rcevew messagg mill-Kamra tal-Kontroll biex imorru jaghtu assistenza x-Xatt tal-Marina fil-Pieta.  Meta mar hemmhekk sab diversi nies jistennew barra u gie nfurmat li kien hemm xi persuna li kienet qed tkisser numru ta' karozzi li kien hemm pparkjati fl-istess triq.  Staqsa fejn kienet din il-persuna u gie nfurmat li din il-persuna, li kienet qisha ta' nazzjonalita Gharbija, kienet telqet minn fuq il-post u gie nfurmat wkoll li din il-persuna kienet liebsa gakketta tal-gilda sewda u kellha idejha u hwejjigha mimlija demm.  Qal li ghalhekk bdiet t-tfittxija ghal din il-persuna pero ma nstabet imkien fuq il-post.  Qal li ghalhekk mar l-isptar u malli dahal fir-reception sab gakketta tal-gidla fuq seat mixhuta wahedha u meta staqsa ta' min kienet hu gie nfurmat li kienet ta' persuna li kien qed jistenna biex jittehidlu X Rays u kif dahal fil-kamra fejn in-nies ikunu jistennew ghal X Rays, sab persuna liebsa tracksuit griza kolha demm b'idejh bid-demm.  Qal li din il-persuna kienet l-imputat li gharaf presenti fl-awla.  Staqsih x'kien gralu u dan kien irrispondih li kellu xi jghid mal-mara tieghu u li minflok ma ta daqqa ta' ponn lilha, kisser hgiega.  Staqsih kif kien mar l-isptar u l-imputat rrispondih li kien mar bil-mixi u li kien ghadda minn Triq il-Marina fil-Pieta.  Staqsih jekk il-gakketta li kien ra barra kienetx tieghu u l-imputat rrispondih fl-affermattiv u ghalhekk meta mar biex

jispezzjona l-gakketta fil-but taghha sab tornavit. Meta staqsa lil imputat x'kien qed jaghmel t-tornavit fil-gakketta tieghu l-imputat irrispondih li dan kien jzommu fuqu. Ghalhekk zied jghid x-xhud hu cempel lis-superjuri tieghu u kompliet l-investigazzjoni. Qal li hu halla l-imputat l-isptar jiddewwa ghal griehi li kellu u wara hadu hsiebu l-Pulizija tad-distrett.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Dicembru 2003 xehdet Rosaria Farrugia** [fol 69] fejn qalet li hija filghodu soltu li tqum kmieni ghax-xoghol, u li ghall-habta tas-sitta u kwart tohrog minn darha. Qalet li darba minnhom rat lil Pulizija jiehdu numru ta' ritratti tal-karozza taghha li ghandha n-numru ta' registrazzjoni IPE 217 u li hija tal-ghamla Hyundai Accent. Qalet li dakinhar hi kellha l-hgiega tal-karozza taghha miksura. Mistoqsija jekk kelliex xi haga fil-vettura taghha dakinhar li kienet nieqsa, ix-xhud wiegbet li ma dehriliex, kellha biss hsarat. Mistoqsija kemm kellha hsara fil-vettura taghha, ix-xhud wiegbet li biex sewwietha hallset tlettax il-lira, pero ma kelliex ricevuta tal-hsarat fuqha.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Dicembru 2003 xehed Anthony Camilleri** [fol 71] fejn qal li hu sid il-vettura Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni AKC 696. Qal li nhar l-hdax ta' Novembru 2003, kmieni filghodu kien gie nfurmat li xi hadd kien sgass il-vettura tieghu. Mistoqsi x'affarijiet sab nieqes minnha, x-xhud wiegeb li kien sab nuccali tax-xemx nieqes. Qal li kien hallas sebghin lira biex sewwa l-karozza peress li kellu l-quarter window taghha u l-hgiega l-kbira miksurin, apparti l-fatt li kellha hafna dmijja fuq tapezzerija u s-saqaf u kellu jahsilha minn gewwa. Qal li hu ma ra lil hadd jaghmel din il-hsara fil-vettura tieghu.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Dicembru 2003 xehed Vincent Camilleri** [fol 72] fejn qal li hu sid il-vettura Skoda Fabia bin-numru ta' registrazzjoni VIN 473 u li nhar l-hdax ta' Novembru 2005 kmieni filghodu sab diversi hsarat fuqha. Qal li kellu l-quarter window taghha miksura, kien hemm taqlib fiha, cd's neqsinu l-ixkaffa tal-ispeakers maqlugha minn postha. Qal li hallas tletin lira tal-hgiega biex

sewwiha u sabiex sterilizzha mid-demm hallas ghaxar liri ohra.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Dicembru 2003 xehed Carmel Mallia** [fol 74] fejn qal li li hu sid il-vetura Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni IAU 948 u li nhar l-hdax ta' Novembru 2003, kmieni filghodu kien gie nfurmat li xi hadd kien ipprova jidhol fil-vettura tieghu u fil-fatt kien ikkagunalu diversi hsarat fosthom fil-quarter window ta' wara li kienet miksura. Qal li r-radio superteck kien gie misruq kif wkoll numru ta' casettes li kien hemm fiha. Qal li kien hallas hames liri biex sewwiha.

Illi nhar **t-tmintax ta' Frar 2004 xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 134] fejn esibixxa tlett sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li gew mmarkati dik fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Ramond Mercieca) v Mikiel Angelo Mamo datata wiehed u tletin ta' Lulju 2002 bhala dokument "X", dik moghtija nhar t-tnax ta' Marzu 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija Spetturi Ramon Mercieca u Pierre Micallef Grimaud v Mikiel Angelo Mamo et bhala dokument "Y", u dik moghtija nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2002 fl-ismijiet Il-Pulizija Spettur J. Agius v Mikiel Angelo Mamo bhala dokument "Z".

Illi nhar **t-tmintax ta' Frar 2004 xehed Francis Mallia** [fol 142] fejn qal li li hu sid il-vettura Honda bin-numru ta' registrazzjoni AIU 948 u li nhar l-hdax ta' Novembru 2003, kmieni filghodu kien sab il-hgiega tal-istess vettura miksura waqt li kienet ipparkjata x'Xatt tal-Marina fil-Pieta. Qal li biex sewwiha kien hallas bejn ghaxar u hmistax il-lira maltin. Zied jghid li mill-vettura tieghu insteraq r-radio li kien xtrah zmien qabel xi erbghin lira maltin u li minn wettaq dan r-reat anke qata idejh peress li kien hemm d-demm fuq s-seat.

Illi nhar **t-tmintax ta' Frar 2004 xehed Karmenu Attard** [fol 144] fejn qal li hu kellu l-karozza tieghu tal-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni PCA 414 ipparkjata quddiem il-bieb fix-Xatt tal-Marina, Pieta nhar l-hdax ta' Novembru 2003 u kien sab l-quarter window taghha miksura. Qal li hu kien xtara hgiega gdida ghal prezz ta'

ghaxar liri u hallas hames liri ohra biex wahhluhielu. Qal li kellu wkoll xi ghaxar liri fi flus fil-karozza li sabhom neqsin. Mistoqsi jekk kellux xi accessorji neqsin minnha x-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar **t-tmintax ta' Frar 2004 xehed Martin Vella** [fol 146] fejn qal li hu sid il-vettura Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni EAB 789 u li nhar l-hdax ta' Novembru 2003, kien sab il-vettura tieghu sgassata b'xebgha demm fiha u l-amplifier tal-1000 watts, ma kienx fil-vettura fejn kien hallih hu, izda sabu f'idejn il-Pulizijaa. Qal li hsara kien hemm fil-quarter window, li kienet miksura u kellu xi hsara fuq il-bieba. Qal li x-xugumani li kellu fiha nstabu vicin il-vettura mal-art. Qal li fiha kellu wkoll telephone cordless ghat-tiswija li sabu nieqes wkoll. Qal li l-ammont ta' serq minnha jammonta ghal tmienja w disghin lira u bhala danni jammontaw ghal hamsa w hamsin lira maltin.

Illi nhar **t-tmintax ta' Frar 2004 xehed Anthony Saliba** [fol 148] fejn qal li hu sid il-vettura Charade bin-numru ta' registrazzjoni CAC 163 u li din il-vettura hu kien halliha pparkjata fix-Xatt tal-Marina, Pieta. Qal li fil-hdax ta' Novembru 2003, kien sab li kellha l-quarter window taghha miksura u biex sewwiha kien halls hames liri u li kien ta ricevuta tal-hsarat lil Ispettur tal-Pulizija. Qal li mill-vettura ma sab xejn nieqes.

Illi nhar **t-tmintax ta' Frar 2004 xehed Prakash Manibhai** [fol 151] fejn qal li hu kien fil-pussess ta' vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni KAM 834 liema vettura tappartjeni lil Isamel Smirli. Qal li nhar l-hdax ta' Novembru 2003 hu kien sab din il-vettura b'xi hsara fis-sens li t-tieqa z-zghira tan-naha tal-passiggier kienet miksura. Qal li biex issewwiet din t-tieqa hallas tlettax il-lira maltin. Qal li mill-vettura, pero ma kien sab xejn nieqes.

Illi nhar **t-tmintax ta' Frar 2004 xehdet Anna Galea** [fol 152] fejn qalet li hija sid il-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni LCE 223, liema vettura hija registrata f'isem ommha Annie Galea. Ftakret li dakinhar tal-hdax ta' Novembru 2003, hija kellha din il-karozza pparkjata fix-

Xatt tal-Marina fil-Pieta u filghodu kmieni kienet sabitha b'xi hsara b'dan li t-tieqa ta' wara kienet miksura. Qalet li hi sewwietha u hallset hmistax il-lira ghal din t-tiswija. Minnha ma sabet xejn misruq.

Illi nhar **l-hamsa ta' April 2004 xehed Joseph Gauci** [fol 160] fejn qal li nhar l-hdax ta' Novembru 2003 hu kien gie nfurmat sabiex imur hdejn d-dghajjes li ghandu wahda bl-isem Concetta Immacolta u l-ohra Ben fejn sab li din tal-ahhar kellha hgiega miksura. Minnha ma kien hemm xejn nieqes, hsara u taqlib biss kellu fiha. Qal li fiha kien hemm xi demm fuq l-affarijiet kif wkoll mal-art. Fuq id-dghajsa Concetta Immacolata kien hemm xi dmija wkoll, pero hsara u serq minnha ma kienx sar. Qal li dehrlu li minn kien qata idejh dahal fuq iz-zewg dghajjes tieghu. Qal li biex biddel l-hgiega miksura hallas erbgha jew hames liri.

Illi nhar **l-hamsa ta' April 2004 xehed Robert Cardona** [fol 162] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu immarkata bhala dokument RC [fol 97]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li dan l-espert ezamina diversi kampjuni ta' dmija elevati minn fuq x-xena tad-delitt kif ahjar deskritti minnu fl-istess relazzjoni. Illi nghatat presenza ta' demm ta' nizel uman ta' Grupp A Rhesus Positive fuq is-segwenti kampjuni u cioe dawk l-kampjuni li nghataw il-kodici tal-laboratorju 03 CZD 201, 03 CZD 202, 03 CZD 203, 03 CZD 204, 03 CZD 205, 03 CZD 206, 03 CZD 207, 03 CZD 208, 03 CZD 209 u 03 CZD 211. Dawn il-kampjuni ta' ticpis ta' lewn hamrani li taw rizultat ta' demm Grupp A Rhesus Positive, gew mehuda mill-vettura Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni IAU 948, Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni AKC 696, Oper Zafira bin-numru ta' registrazzjoni PCA 414, Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni CBA 789, Volvo bin-numru ta' registrazzjoni BBD 702, Skoda Fabia bin-numru ta' registrazzjoni VIN 473, Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni KAF 834, Maruti Omni bin-numru ta' registrazzjoni JAF 253, u minn *control sample* mill-fond Forth Flats, u mill-*control sample* mit-tarag tal-fond Pieta Apartments, Block 1, Triq l-Marina, Pieta.

Illi l-istess espert ghamel analizi ghal grupp ta' demm, fuq il-kampjuni ta' demm ta' Michael Mamo, liema kampjun gie mghoddi lis-Serologista minn Doctor Mario Scerri w ir-rizultat li nghata kien wkoll wiehed posittiv ghal demm ta' nisel uman Grupp A.

Illi nhar **l-hamsa ta' April 2004 xehed Robert Eric Marriet** [fol 164] fejn qal li f'Novembru 2003 hu kellu xi hsara fid-dghajsa tieghu li kienet irmiggjata l-Pieta, li swietu tlett liri biex sewwiha. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx sab xi dmija fiha x-xhud rrisponda fin-negattiv u li ma kien sab xejn nieqes minnha.

Illi nhar **l-hamsa ta' April 2004 xehdet Marie Therese Caffari** [fol 166] fejn qalet li hija sid il-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni BAT 132 u ftakret li nhar l-hdax ta' Novembru 2003, hija kienet hallietha parkjata x-Xatt tal-Marina fil-Pieta meta kienet giet infurmata li xi hadd kien ipprova jidhol fiha. Qalet li kellha l-hgiega ta' wara z-zghira miksrua u kienet mimlija demm. Qalet li mill-karozza ma serquliex affarijiet kbar, xi flus zghar li jammontaw ghal cirka hames liri maltin. Qalet li sabiex issewwiet l-quarter window hija kienet hallset xi hamsa w ghoxrin lira, oltre erbghin lira sabiex il-karozza tnaddfet minn gewwa.

Illi nhar **t-tmienja ta' Gunju 2004 xehdet Dottor Veronica Aquilina** [fol 179] u esibit r-relazzjoni taghha in konnessjoni m'allegata serq li kien sar x'Xatt tal-Marina Pieta nhar l-hdax ta' Novembru 2003, li giet mmarkata bhala dokument VA [fol181].

Illi nhar **l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 xehedu PS 612 Theo Vella u PC 1147 Antoine Fenech** [fol 220] fejn ikkonfermaw r-relazzjoni taghhom esibita a fol 117 tal-atti odjerni.

Illi nhar **l-hdax ta' Ottubru 2004 xehed Doctor Mario Scerri** [fol 245] u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 246 et seq].

Illi nhar **l-hdax ta' Ottubru 2004 xehed David Brincat** [fol 257] fejn qal li jiftakar li jum fost l-ohrajn kien rieqed u ghal habta tal-hamsa neqsin kwart ta' filghodu sema' diversi hsejjes w inhasad u qam. Mar il-gallarija u mill-boghod ra lil xi hadd fil-vann tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JAF 253, iqalleb. Qal li libes u nizel mill-ewwel u sab persuna, li gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla, fil-vann iqalleb fl-affarijiet li kellu fil-vann. Qal li xogholu hu ta' bejjieh fuq il-Monti u fost l-oggetti li jbiegh ghandu blades, shampoo, sapun u oggetti simili. Mistoqsi jekk sabx xi oggetti neqsin ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li fil-fatt hu lahaq lil imputat hiereg b'basket u hdejn il-vann kien hemm zewg basktijiet fl-oggetti tieghu, kontenenti cd's, stereos tal-karozzi u affarijiet simili. Qal li sab nieqes xi gels tax-xaghar u blades u landa tal-flus b'xi hamsa w ghoxrin jew tletin lira fiha. Qal li meta kienu baghtu ghalih il-Pulizija u wrewh divesi flejjes konsistenti f'muniti hu kien identifikhom bhala li kienu tieghu.

Illi nhar **l-hamsa ta' Jannar 2005 xehed l-Ispettur Ramon Mercieca** [fol 279] fejn ikkonferma s-sentenza esibita fl-att a fol 135 moghtija mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2002 fl-ismijiet Il-Pulizija v Mikiel Angelo Mamo u s-sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima nhar t-tnax ta' Marzu 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v Mikiel Angelo Mamo et [fol 137] fejn hu kien l-Ufficjal Prosekutur fl-istess sentenzi. Ix-xhud gharaf lil imputat presenti fl-awla bhala l-istess persuna imemmija fis-sentenzi in kwistjoni.

Illi nhar **l-hamsa ta' Jannar 2005 xehed Brian Darmanin** [fol 281] fejn qal li hu kellu dghajsa marbuta fix-Xatt tal-Marina, fil-Pieta n-naha tal-hajt mhux fuq l-pontoon. Ftakar li hu kien mar jaghmel rapport l-Ghassa Imsida meta kien sab il-hatch tad-dghajsa sgassa u li kellu ammont ta' mitt lira hsara, ghalkemm ma kien insteraqlu xejn minnha. Nhar **l-s-sebgha ta' Frar 2005 rega' xehed Brian Darmanin** [fol 297] u esibixxa kopja tar-ricevuta tal-hsarat li sofra li giet mmarkata bhala dokument BD [fol 299].

Illi nhar **s-sebgha ta' Frar 2005 xehdet Erica Portanier** [fol 294] fejn qalet li hija sid il-vettura Volvo bin-numru ta' registrazzjoni BBD 702 u li nhar l-hdax ta' Novembru 2003 hija kienet hallitha pparkjata quddiem d-dar taghha fi Triq il-Marina, Pieta. Ftakret li kienet sabet il-hgiega ta' wara miksura li swietha cirka mitt lira biex biddlitha. Mistoqsija mill-Qorti x'kienet sabet nieqes minnha, x-xhud wiegbet li setgha kien hemm xi cekkijiet ta' flus. Ix-xhud qalet li ricevuta tal-hsarat dakinhar ma kelliex ghaliex kienet tilfitha.

Illi nhar **l-erbatax ta' Frar 2005 xehdet Christine Bundy** [fol 301] fejn qalet li hi ghandha karozza Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni LCE 223. Ftakret li hi kienet halliha pparkjata barra quddiem il-biex tar-residenza taghha fi Triq il-Marina, Pieta u li kmieni filghodu kienet sabitha bit-tieqa tal-gemb taghha miksura. Qalet li kienet hallset ghoxrin lira maltin biex sewwietha. Mistoqsija jekk sabitx xi haga nieqes minnha, x-xhud wiegbet fin-negattiv.

Illi nhar **l-erbatax ta' Frar 2005 xehed l-Ispettur Jason Agius** [fol 303] fejn ikkonferma l-komparixxi esibita a fol 141 tal-atti u li fuqha gharaf il-firma tieghu. Ix-xhud zied jghid pero, li ma kienx f'posizzjoni jaghraf lil imputat odjern bhala l-istess imputat imsemmi f'din il-komparixxi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotta jirrizulta bic-car li fil-lejl tad-divesi serqiet li saru fuq diversi vetturi nhar l-hdax ta' Novembru 2003, l-imputat kien fuq il-post tas-serqiet kif stqarr David Brincat viva voce l-Qorti nhar l-hdax ta' Ottubru 2004. Ill l-istess David Brincat gharaf lil imputat presenti fl-awla bhala l-istess persuna li kienet fil-vann tieghu li jgib in-numru ta' registrazzjoni JAF 253, dakinhar stess u rah jitlaq jigri.
L-imputat instab mill-Pulizija ftit aktar tard fl-isptar San Luqa fid-Dipartiment tal-Emergenza meta kien qed jiddewwa ghal xi feriti f'idejh. Illi ma jirrizultax kif gew kagjonati l-feriti li kellu l-imputat dakinhar proprju ftit wara li sehhew s-serqiet fi Triq il-Marina, Pieta, izda <u>jirrizulta li</u>

<u>d-demm li nstab f'diversi vetturi huwa l-istess grupp ta' demm tal-imputat</u>.

Illi ghalhekk, din hija prova korroborattiva li kien l-imputat li kellu l-access illegittimu fil-vetturi li ser jigu ndikati u cioe li seraq mill-vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni IAU 948, proprjeta ta' Carmel Mallia minn Tal Pieta u talli fil-process ikkaguna hsara fl-istes vettura, li seraq mill-vettura tal-ghamla Maruti Omni bin-numru ta' registrazzjoni JAF 253 proprjeta ta' David Brincat mill-Pieta w ikkaguna hsara voluntarja fl-istess vettura fil-process tas-serq, li seraq mill-vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni EAB 789 proprjeta ta' Martin Vella mill-Pieta u talli kkaguna hsarat voluntarji fuqha fil-process tas-serqa, li seraq mill-vettura tal-ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni VIN 473 proprjeta ta' Vincent Camilleri mill-Pieta  u talli fil-process tas-serqa kkaguna hsarat voluntarji fl-istess vettura, li seraq mill-vettura tal-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni PCA 414 proprjeta ta' Carmelo Attard mill-Pieta u talli ghamel hsara fl-istess vettura fil-process tas-serqa, talli seraq mill-vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni KAF 834 proprjeta ta' Abdurazagh Ismail Zmirli mill-Pieta u talli kkaguna hsara voluntarji fuqha fil-process tas-serqa, talli pprova jisraq mill-vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni AKC 696, proprjeta ta' Anthony Camilleri minn Tal Pieta u talli kkaguna hsara voluntarja fil-process tal-attentat ta' serq mill-istess vettura, u talli pprova jisraq mill-vettura tal-ghamla Volvo bin-numru ta' registrazzjoni BBD 702, proprjeta ta' Erika Portanier minn Tas Sliema w ikkaguna hsarat voluntarji fil-process tal-attentat ta' serq mill-istess vettura.

Illi din il-Qorti pero ma tistax ssib lil imputat hati t'attentat ta' serq mill-vettura tal-ghamla Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni CAC163, proprjeta ta' Anthony Saliba minn Tal Pieta, mill-vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni IBE 217, proprjeta ta' Rosaria Farrugia minn Tal Pieta u talli kkaguna hsara voluntarja fuq dawn l-istess zewg vetturi u lanqas ma tista ssibu hati talli seraq minn fuq l-yachts bl-isem "Joanieflo" ghad-dannu ta' Robert Eric

Marriott minn Tas Sliema, mill-yacht bl-isem "Crofter", ghad-dannu ta' Brian Darmanin minn San Giljan u mill-luzzu bl-isem "Ben", ghad-dannu ta' Joseph Gauci minn San Giljan u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni ma ressqitx bizzejjed provi biex torbot lil imputat ma tali akkuzi.

Ma hemmx dubbju li l-imputat huwa recidiv in vista tas-sentenzi esibiti w ix-xhieda tal-identita taghhom prodotta mill-Prosekuzzjoni u talli kiser l-kundizzjoni tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza tal-wiehed u tletin ta' Lulju 2002, mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi.

Dwar il-piena l-Qorti rat l-fedina penali tal-imputa w innutat li ghalkemm l-imputat ghandu biss tlieta w tletin sena, diga nstab hati mill-Qrati nostrana taghna, hmistax il-darba fost akkuzi ohra fuq serq, pussess ta' droga Eroina, hsarat voluntarji, li kkaguna feriti ta' natura gravi w ingurji lejn Ufficjal Pubblikju, fejn inghata diversi pieni bhal multi, priguneriji sospizi, u anke probation, izda cio nonostante, ma tghallimx u rega' qieghed l-Qorti akkuzat b'erbgha w tletin akkuza ohra.

L-imputat zgur li ma tghallimx jisfrutta l-opportunitajiet moghtija lilu u ghalhekk din il-Qorti trid tkun iebsa mieghu fl-ghoti tal-piena taghha. In oltre ma jirrizultax li l-imputat b'xi mod ittanta jikkumpensa lil vittmi tieghu u ghalhekk zgur li mhux il-kaz li l-Qorti tkun klementi mieghu.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 325, 41(1)(a), 334, 28A sa 28H, 21, 23, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed <u>ssib lil imputat MIKIEL ANGELO MAMO hati</u> ta' serq aggravat mill-vetturi Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni IAU 948, Maruti Omni bin-numru ta' registrazzjoni JAF 253, Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni EAB 789, Skoda bin-numru ta' registrazzjoni VIN 473, Opel bin-numru ta' registrazzjoni PCA 414, Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni KAF 834, Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni AKC 696, u vettura Volvo bin-**

**numru ta' registrazzjoni BBD 702, u talli kiser l-kundizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap 9, illum l-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett snin u nofs, filwaqt li tiddikjara li <u>ma ssibux hati</u> tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

**Rat s-sentenzi esibiti fl-atti moghtija nhar t-tnax ta' Marzu 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v Mikiel Angelo Mamo et fejn l-istess imputat kien gie kkundannat piena karcerarja ta' tlettax il-xahar sospizi ghal tlett snin.**

**Rat li dawn r-reati li sabitu hati taghhom gew kommessi f'dan l-istess perjodu ta' tlett snin u ghalhekk wara li rat li l-imputat odjern huwa l-istess persuna meta nghatat din s-sentenza skond ma xehed l-Ispettur Ramon Mercieca [fol 279] <u>tordna li din l-istess sentenza tigi reza operattiva b'dan li l-imputat b'kollox irid jaghmel perjodu ta' prigunerija ta' hamsa w hamsin xahar u cioe erbgha snin u sebgha xhur</u>.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lil imputat sabiex ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-process u ma jirrizultax li fl-atti ta' din il-kumpilazzjoni gew nominati xi esperti u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------